MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1752/1993/1

**Paul Ebejer bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Marine Services Limited**

**vs**

**Mark Portanier**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fil-15 ta' Dicembru, 1993, li in forza taghha, wara li ppremettiet:

1. Illi l-konvenut talab lill-attur nomine u tah struzzjonijiet sabiex jghamillu xogholijiet fuq *yacht* u dan skond ma jirrizulta mill-annessa *invoice* markata

Dokumenta A li minnha jirrizulta dettaljatament il-prestazzjonijiet li ta l-attur nomine fl-interess u fuq struzzjonijiet tal-konvenut li ghalihom l-attur nomine ghad ghandu jircievi s-somma ta' Lm564.55;

2. U illi l-konvenut ipprometta li sejjer ihallas diversi drabi pero' sal-lum baqa' inadempjenti u ghalhekk ma hemmx kontestazzjoni li dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut. Fl-opinjoni tal-attur nomine il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

3. L-attur ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex:

(1) taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u

(2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' Lm564.55, dovuta lill-attur nomine in via ta' hlas ghall-prestazzjonijiet moghtija mill-attur fuq struzzjonijiet ta u lill-konvenut kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali kalkolabbli mit-18 ta' Settembru 1992, u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra legali kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tas-16 ta' Frar, 1994, li in forza tieghu awtorizzat lill-konvenut jikkontesta t-talba attrici, u pprefiggitlu ghoxrin gurnata zmien biex il-konvenut jippresenta n-nota tal-eccezzjonjiet tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni attrici hija ntempestiva u dana stante li l-eccipjent qatt ma gie bl-ebda mod, interpellat ihallas l-ammont li qed jigi pretiz;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv u bl-ebda mod ma jirrispekkja x-xoghol effettwat tant illi fil-kont anness mac-citazzjoni (Dok.A) hemm indikati oggetti li xtara u hallas ghalihom l-eccipjent;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Mejju, 1994, li in forza tieghu gie nominat bhala perit tekniku, is-Sur William Cassar Torreggiani sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut; b'mod partikolari biex jezamina l-*boat* in kwistjoni u jistabilixxi jekk il-kont tal-attur huwiex eccessiv jew le, u f'kaz affermattiv, jghid b'kemm ghandu jigi ridott;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Frar, 2001, li bih din il-Qorti awtorizzat lill-Perit Tekniku jirritorna l-inkartamenti fil-pussess tieghu;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2001, fejn gie dikjarat li s-Sur William Cassar Torreggiani baghat jinforma lill-Qorti li hu m'ghandu l-ebda inkartament fil-pussess tieghu;

Rat l-ordni tal-Qorti verbalizzzata fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2001, fejn awtorizzat ir-rikostruzzjoni tas-seduti li setghu saru mill-perit tekniku;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza, is-socjeta' attrici, giet inkarigata taghmel xoghol ta' tiswija u manutenzjoni fuq id-dghajsa tal-konvenut. Kien il-konvenut stess li nkariga lis-socjeta' attrici taghmel ix-xoghol mehtieg fuq il-*boat* tieghu, izda meta x-xoghol tlesta u s-socjeta' attrici harget il-kont relattiv, il-konvenut irrifjuta li jhallas ghax hass li l-kont kien eccessiv. Hu allega li l-kont kien eccessiv peress li, skond hu, fil-kont tnizzel il-prezz ta' *parts* li ghalihom hallas il-konvenut, u wkoll ghax ix-xoghol li sar ma kienx jiswa l-ammonti li ndikat is-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici, f'din il-kawza, tramite r-rapprezentant taghha, ikkonfermat li hi giet mqabda mill-konvenut taghmel xi xoghol fuq li *speed-boat* tal-konvenut; l-ordni ma saritx f'darba, ghax il-konvenut kien ta' spiss jghaddi sal-post fejn is-socjeta' attrici kienet izomm id-dghajsa, u jitlob li jsir xoghol iehor indikat minnu. Is-socjeta' attrici kienet izomm *job card* relattiva ghal din id-dghajsa, u fuqha tnizzel il-*labour* kollu, min hadem fuq id-dghajsa u meta, u wkoll tnizzel il-*parts* li gew mixtrja fuq dak ix-xoghol. Ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, meta xehed, wera lill-Qorti l-*job card* relattiva u spjega kif din kienet maqsuma; peress li kien hemm xi xoghol li gie *sub-contracted,* dan il-fatt gie wkoll indikat fuq il-*job card*. L-istess rapprezentant ikkonferma li l-kont li hu ressaq f'din il-kawza, jirrispekkja fedelment id-dettalji mnizzla fuq il-*job card,* u li ghalkemm il-konvenut xtara xi *parts* u hallas ghalihom hu, dawk il-*parts* ma tnizzlux bhala *parts* mixtrija mis-socjeta' attrici fuq il-*job card*; hu kkonferma li l-*parts* li hemm imnizzla fuq il-*job card*, u trasportati ghal fuq il-kont mahrug mis-socjeta' attrici, kienu kollha gew mixtrija u mhallsa mis-socjeta' attrici. Il-*labour costs* gew ukoll *monitored* fuq il-*job card,* u x-xoghol li sar jinsab elenkat fil-kont mahrug mis-socjeta' attrici. Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonferma wkoll li, qabel ma nfethet din il-kawza, il-konvenut kien gie interpellat ihallas is-somma dovuta, anke permezz ta' ittra legali, izda ghalkemm xi drabi kien mar fis-sede tas-socjeta' u lmenta li l-kont kien eccessiv, il-konvenut la qatt hallas xi haga akkont, u

lanqas ma specifika kif u fejn kien qed iqis il-kont wiehed eccessiv.

Kontra din il-prova tas-socjeta’ attrici, il-konvenut ressaq biss allegazzjonijiet li l-konvenut, ghalkemm kien id-dmir tieghu jissostanzja, naqas milli jressaq xi provi in sostenn taghhom. Hu jghid li ghal xi *parts* partikolari mnizzla fil-kont, kien hu li hallas ghalihom, izda ma gab ebda prova ta’ dan. Waqt li kien qed jixhed, ma ndika ebda *part* li ghaliha hallas hu, u lanqas ma pproduca xi ricevuta in sostenn ta’ dak li kien qed jallega. Ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, meta xehed, kien specifiku u preciz, u wera lill-Qorti l-*job card* relattiva li minnha kien jidher registrat li l-*parts* li taghhom qed titlob hlas gew kollha mixtrija minnha. Il-konvenut, fid-deposizzjoni tieghu, xehed biss b’mod generali u l-vaguezza tax-xhieda tieghu ma giet fl-ebda stadju carata.

L-ilment l-iehor tal-konvenut, dwar ix-xoghol li sar fuq id-dghajsa, ukoll baqa’ mhux sostnut. Il-konvenut jghid li l-kont li rcievha, ma kienx “*ta’ quddiem in-nies, ghax ma ghamel xejn specjali*”, izda ma tressqet ebda prova ta’ dan. Il-konvenut talab li jaghmel din il-prova tramite l-hatra ta’ espert in materja, u ghalkemm, din il-Qorti, innominat espert ghal dan l-iskop, il-konvenut ma ha ebda interess jara li l-prova li ried jaghmel tramite l-perit tekniku, fil-fatt, issehh. Il-konvenut mhux biss ma hallasx l-onorarju li jista’ jkun dovut lill-perit tekniku, izda lanqas biss insista li tinzamm seduta jew access fil-lok fejn kienet tinzamm id-dghajsa, tant li l-perit tekniku, meta gie ordnat jirritorna l-inkartament tas-seduti mizmuma minnu, irregistra li ma kellu xejn f’idejh, u meta l-Qorti awtorizzat lill-partijiet jesebixxu kopji ta’ xi verbali ta’ seduti mizmuma mill-perit tekniku, ukoll ebda parti ma ressqet xi dokument jew allegat li kien sar xi haga quddiem il-perit tekniku u li taghha ma kellhiex kopja tal-verbal. Dan in-nuqqas ta’ interess da parti tal-konvenut - li talab u ried jaghmel il-prova tramite l-perizja – tindika li, fil-fatt, il-prova li ried jaghmel, ma ghamilx.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Mirabita vs Geneste”, deciza fl-1 ta’ Gunju, 1885 (Vol X.832), il-prova

permezz ta' periti tista' tigi rrinunzjata, u jekk, min ikun obbligat ihallas ghall-perizja (f'dan il-kaz, il-konvenut) ma jaghmilx il-hlas, "il-Qorti trid tiddeciedi qiesu l-prova li riedet issir permezz tan-nomina ta' perit ma saritx". F'dan il-kaz, il-konvenut mhux talli ma wasalx biex jaghmel hlas, izda lanqas ha l-briga jara li l-prova li ried jaghmel bil-perit, almenu jibda biex jaghmilha.

Barra minn dan, il-konvenut ma jistax jilmenta li, bhala xoghol, ma sar xejn specjali, meta kien hu stess li, kull tant zmien, zied ix-xoghol billi ghamel ordnijiet godda. Fl-ebda hin ma waqqaf ix-xoghol, izda, anzi, kien izid ix-xoghol li kellu jsir fuq il-*boat* tieghu. Meta sar il-ftehim tax-xoghol, ma gietx patwita somma li kellha tithallas bhala hlas, izda jidher li l-arrangament kien li s-socjeta' attrici taghmel dak kollu li jghidilha taghmel il-konvenut, bil-kont johrog fl-ahhar skond ix-xoghol li jkun gie ordnat u mwettaq.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "<u>Craig noe vs Debono noe</u>", deciza fid-29 ta' April, 1996, "wiehed ghandu, meta jara x-xoghol jizdied u l-ispiza toghla, jikkontrolla dak li qed isir; japplika f'dak il-kaz id-detto taljan *`patti chiari, amicizia lunga'.* Altrimenti jsir aktar difficli ghal min jaghti l-inkariku li hu jipprova li hu ghandu jaghti anqas minn dak mitlub minn ghandu".

Il-fatt li, fil-mori tal-kawza, il-konvenut biegh il-*boat*, ma jfissirx li hu m'ghandux ihallas ghax-xoghol li ordna hu stess. Jista' jkun li meta biegh id-dghajsa, saret aktar difficli ghalih jipprova dak li kien qed isostni, pero', dik problema li gabha fuqu huwa stess, u ma jistax jahrab mill-obbligazzjoni billi jghid li, issa, l-*ispeed boat* m'ghadhiex f'idejh. Hadt ma jista' jiehu vantagg mill-agir tieghu stess.

Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni ta' intempestivita, bazata fuq l-allegazzjoni li l-konvenut qatt ma gie interpellat ihallas l-ammont, mill-provi jirrizulta l-kuntrarju. Is-socjeta' attrici, kienet, fil-fatt, interpellat lill-konvenut ihallas, anke tramite l-Avukat taghha, tant li l-konvenut kien ilmenta fuq il-kont. Ghalhekk, anke din l-eccezzjoni ma hijiex sostnuta.

Mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti hija perswaza li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi akkolta. Is-socjeta' attrici ppruvat t-talba taghha, u l-konvenut naqas li jsostni dawk ir-ragunijiet li huwa ressaq in kontraposizzjoni tat-talba attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' hames mija u erbgha u sittin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm564.55) in via ta' hlas ghall-prestazzjonijiet moghtija mill-attur, bl-imghax legali mit-18 ta' Settembru, 1992, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------